MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru. 771/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**ABDUSSALAM MAHMOUD ABDALLA ta' 25 sena, iben Mahmoud Mohammed Abdalla u Fathija Mohammed nee' El Mabrouk, imwieled Tripli nhar id-9 ta' Dicembru, 1983, detentur tal-passaport Libjan numru 650841;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ABDUSSALAM MAHMOUD ABDALLA**, li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer nhar id-19 ta' Awwissu, 2008 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Assocja ruhu ma’ xi persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika f’dawn il-Gzejjer medicini (eroina) bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanza tali assoccjazzjoni sabiex tigi mportata f’Malta d-droga eroina u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli mporta jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (eroina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Oridnanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-4 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pusses tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-Ordni ta’ l-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 22);

Rat li fi stadju ta’ nterrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (folio 6);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet in konkluzjoni t-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi rat principalment il-konkluzjoni pprezentata mill-Espert Nominat fl-Inkjesta Godwin Sammut, (DOK GC a folio 26 et seq) fejn ikkonkluda:
*'Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 2660802 instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 96.73 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 28%....'*

xehdu diversi ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti meta l-imputat ghadda, ghamel il-pilloli li kien qieghed igorr go fih, cioe' PC 1348 Joseph Campbell folio 47, PC 230 folio 52, PS 644 Evan Camilleri folio 56, u PC 1065 Neville Grech folio 103.

Rat ukoll it-tieni relazzjoni ta' Godwin Sammut (DOK GS1) fejn a folio 74 ikkonkluda li l-valur tad-droga minnu ezaminata huwa ta' erbat elef sitta mija u tlieta u erbghin Ewro, u erba' Ewro centezmi (€4,643.04)(minimum) jew sebat elef mija u tmienja u hamsin Ewro u ghoxrin Ewro centezmi (€7,158.20)(maximum);

Rat ukoll ir-rinviju ta' l-Avukat Generali datat 27 ta' Novembru, 2008 (folio 106) fejn intalbet korrezzjoni ta' isem l-imputat;

Rat illi moqrija l-akkuza mill-gdid bil-gurament, ezentata l-Prosekuzzjoni milli ttella' provi mill-gdid, rega' sar id-debita nterrogatorju, din id-darba l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (folio 108 u folio 115);

Rat ukoll li tramite l-interpretu l-imputat irriafferma l-ammissjoni tieghu (folio 12);

Rat ukoll ix-xhieda ta' Alphonse Cauchi in rapprezentanza tal-kumpanija Air Malta, li ezebixxa l-lista tal-passiggieri tat-titjira KM697 fid-19 ta' Awwissu, 2008, li fuqha vvjagga lejn Malta l-imputat, vide DOK AC a folio 113;

Rat ukoll il-Kontro Ordni ta’ l-Avukat Generali (Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), biex l-akkuzat jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali (datata 27 ta’ Frar, 2009).

Ikkunsidrat:

Illi apparti ghall-ammissjoni rregistrata kif suriferit mill-imputat, din il-Qorti thoss illi mill-provi prodotti l-akkuzi dedotti kontra l-imputat jirrizultaw pjenament ippruvati, dan wara li rat l-Artikolu 22(2).

Dwar il-piena rat il-fedina penali (netta) ta’ l-imputat, kif ukoll ikkonsidrat il-piz tad-droga li dahhal go fih;
Rat ukoll l-istqarrija minnu rrilaxxata fejn a tempo vergine ammetta l-involviment tieghu f’dan ir-reat;
Rat ukoll li fil-fatt mat-tieni nterrogatorju kif gia’ premess huwa rregistra l-ammissjoni tieghu;
Rat ukoll illi fl-istqarrija l-akkuzat qal illi huwa ghamel ir-reati ghaliex kellu bzonn il-flus biex jghajjex lill-familja tieghu (folio 85), mentri meta ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti bil-gurament biddel il-mottiv tieghu ta’ ghemilu u xehed illi kellu bzonn il-flus ghaliex ommu kienet tbaghti b’qalbha.

Tenut dan kollu din il-Qorti tqies illi l-piena idonea hija dik ta’ tmintax(18)-il xahar karcerarja u multa ta’ elfejn Ewro(€2,000);
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah l-ispejjez peritali ta’ tminn mija u sitta u ghoxrin Ewro u disgha u erbghin Ewro centezmi(€826.49)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------